MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Rikors Numru. 35/2005/1

**Francis Vella ID 56457(M) u Saviour Vella ID 685360(M)**

**vs**

**Edwige Testa ID 204330(M) armla ta' John Testa w ghal kull interess li jista' jkollha Caroline Micallef ID 718662(M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

Illi l-fond 595, St. Joseph High Road, Hamrun hu mikri lill-intimata, armla ta’ John Testa bil-kera ta’ hamsa u hamsin lira Maltin (Lm55) pagabbli kull tlett (3) xhur bil-quddiem;

Illi l-istess intimata, minghajr il-kunsens tar-rikorrenti, qabdet u cediet, issullokat u/jew assenjat l-imsemmi fond jew l-uzu tieghu lill-terzi;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-imsemmi fond billi jordna l-izgumbrament minnu dapparti tal-intimata fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Ra wkoll ir-risposta li tghid hekk;

Illi t-talba tar-rikorrenti hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu li Edwige Testa cediet, issullokat jew assenjat il-fond mikri lill-terzi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi din hija kawza rigwardanti hanut mikri lill-intimata Edwige Testa, originarjament lill-zewgha minnha premort li ghalhekk issucediet fil-kirja tal-istess. Ir-rikorrenti adew lil dan il-Bord bit-talba li jirriprendu l-fond wara li premettew illi l-intimata ssullokat jew cediet il-hanut lil-terzi minghajr il-kunsens taghhom;

Mill-assjem tal-provi jemergi illi din il-kirja kienet kostitwita favur John Testa izda wara l-mewt tieghu l-kirja ghaddiet *ex lege* f'idejn l-armla tieghu. Ir-rikorrenti, f'affidavit identiku, jghidu li wara l-mewt tal-kerrej, l-hanut ghamel zmien konsiderevoli maghluq fejn l-intimata qatt ma dehret. "Meta s-Sinjura Testa rat li kienet qed tizbalja, tant li kienet qed taghti lok ghat-tibdil fid-destinazzjoni tal-fond, rat kif ghamlet u fil-prezent qed imexxi terza persuna" (fol 5 xhieda ta' Frank Vella u fol 6 xhieda ta' Saviour Vella)";

Illi minn ezami tal-provi, ma hemm xejn li jista jwassal ghall-ezitu favur ir-rikorrenti. Fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda cessjoni la darba ma tirrizulta ebda skrittura f'dan is-sens kif llum huwa palezi mill-gurisprudenza in rigward. Fit-tieni lok, l-gurisprudenza tinsenja ukoll illi ghal dak li jirrigwarda sullokazzjoni, din tehtieg prova univoka " u tali prova mhux bizzejjed li tkun indizju jew probabbilita'. Jehtieg li tkun univoka u kredibbli sal-punt li twassal lill-gudikant ghall-konvinciment illi l-inkwilin ma kienx ghadu bhala fatt li juzufruwixxi mid-drittijiet lilu kompetenti bhala kerrej u li kien ghadda dawn l-istess drittijiet komprizi fit-tgawdija tal-haga lilu mikrija lill-haddiehor" – **Concetta Theuma et vs Ir-Reverendu Dun Gwann Mercieca et**

**Appell, 20 ta' Frar 1996**. Citata fil-kawza fl-ismijiet **Baruni Gino Trapani Galea Feriol pro et noe et vs Paola Deguara et App 1.12;**

B'dawn il-principji fil-mira, r-raguni ghaliex ir-rikors odjern huwa destinat li jfalli hi li l-intimata spjegat minghajr ebda tlaqliq illi mal-mewt ta' zewgha damet ftit biex tirpilja l-hanut u ghalhekk impjegat maghha lir-ragel tat-tifla taghha fuq bazi *full-time* sabiex jiehu hsieb il-hanut hu.  L-istess persuna kien jinsab bla xoghol ghalhekk talbitu jiehu hsieb kollox hu filwaqt li bintha taghmel il-kontijiet tan-negozju peress illi hija mharrga fl-accounts. L-intimata esebiet dokument biex turi li r-registrazzjoni mad-dipartiment tal-VAT huwa fuqha, r-rigal tat-tifla huwa regolarment impjegat maghha skond l-FS3 appoziti, u xehdet illi l-licenzji tal-hanut kollha jinsabu fuqha. Dan jiddemostra dak li titlob il-gurisprudenza illi l-gestjoni tal-hanut ghadu fl-intier f'idejn l-intimata biex ma jitqiesx li hemm sullokazzjoni. Illi anke li kieku dan ma kienx hekk il-gurisprudenza tinsenja ukoll illi ma hemm l-ebda sullokazzjoni meta l-armla tghaddi l-hanut f'idejn uliedha ghat-tmexxija. "Huwa pacifiku li l-ulied li juzaw il-fond ma jfissirx li dawn necessarjament ghandhom xi dritt fuq l-istess fond. Wisq anqas ifisser illi ghalhekk biss tezisti xi prova illi huma akkwistaw, oltre n-negozju, xi titolu fuq il-fond permezz ta' sullokazzjoni, cessjoni jew trasferiment xort'ohra tal-inkwilinat. Anke jekk hu pacifiku illi l-fond kien qed jintuza minn ulied l-intimat ghall-gestjoni tan-negozju, ma jistghax jinghad illi b'hekk u ghalhekk biss avverat sullokazzjoni jew cessjoni. Ara fuq dan il-punt u fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "**Vincent Curmi nomine –vs- Paul Bonnici**", Appell, 27 ta' Ottubru 2000." Citat mis-sentenza Josette Stilon vs Anthony Agius App 11.2.2004:

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi jillibera lil Caroline Micallef mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma hemm l-ebda prova kontra taghha, jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------